MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 2076/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sandro Pisani (ID 230073M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Sandro Pisani**

**vs**

**Norman Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba mija u disghin lira u zewg centezmi (Lm490.02) rapprezentanti danni kagunati f'incident stradali li sehh fil-11 ta Marzu 2004 fl-Imqabba bejn il-vettura numru CAO 179 misjuqa mill-konvenut u dik proprjeta ta' u misjuqa mill-attur numru IAZ 935 ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dwak ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Ottubru 2004 u dik prezentata kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghax legali dekorribbli mill-4 ta’ Ottubru 2004 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 19 ta’ Novembru 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident u inoltre li d-danni mitluba ghandhom jigu ppruvati.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kollizzjoni in kwistjoni sehhet meta l-konvenut kien qed idur madwar roundabout bl-attur miexi warajh. L-attur haseb li l-konvenut kien ser jibqa’ miexi dritt flok idur lejn il-lemin mar-roundabout bil-konsegwenza li habat go fih fuq wara. Din hija bazikament il-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa kemm a tempo vergine kif jirrizulta mir-rapport Dok GM 6 a fol 13 u 14 tal-process u Dok SC1 a fol 24 u 25 tal-process u kif ukoll mix-xhieda guramentata taghhom. L-attur jipprova jressaq l-iskuzanti li l-konvenut dar lejn il-lemin mar-roundabout minghajr ma ta indikazzjoni. Huwa jallega li l-konvenut kien fuq ix-xellug tat-triq quddiemu waqt li hu kien warajh fuq il-lemin. Jinsisti li l-incident gara peress li l-konvenut waqaf quddiemu fuq ix-xellug tat-triq u hekk kif huwa wasal biswit tieghu dan qabad u qala u gibed lejn il-lemin biex jaqbad ir-roundabout minghajr ma ghamel ebda sinjali ta’ xejn. In kontro-ezami jghid li kien ghaddej normali circa 40km pero ma kienx jaf li int u toqrob ir-roundabout kien hemm give way sign u ghalhekk baqa’ javvicinha bl-istess speed kostanti li kien ghaddej bih. Jispjega li spicca habat f’ta’ quddiemu peress li huwa haseb li kien ser jibqa’ ghaddej dritt u ghalhekk meta rah idur minghajr indicator, huwa nhasad, zamm brake – skiddja u kwindi baqa’ diehel fuqu. Ta’ min jinnota wkoll li l-attur halla warajh 11 il-metru brake marks. Dan il-fattur oltre ghal fatt mill-mod kif huwa xehed in kontro-ezami ma tantx jaghti kredtu ghal verzjoni inizjali tieghu in ezami u cioe li l-konvenut kiser f’salt kif

gie biswit tieghu. U dana kollu oltre ghall-fatt mill-mod kif kontradett mix-xhieda guramentata tal-istess konvenuta.

Il-lokalita' tal-incident tidher sew fuq ir-ritratti esebiti markati Dok NV1 sa NV3 u ghalkemm hija triq pjuttost wiesgha mnejn jistghu jghaddu zewg vetturi fejn xulxin din ma fihiex karreggjati ndikati mal-art. Il-konvenut ighid li huwa kien miexi aktar fuq in-naha tal-lemin tat-triq peress li kellu l-intenzjoni li jdur mar-roundabout. Huwa jallega li l-impatt fuq il-vettura tieghu hassha hekk kif kien qieghed jimmanuvra madwar ir-roundabout. Qabel l-impatt sema brake qawwi minn warajh. Bejn il-vettura tieghu u r-roundabout ma kienx hemm bizzejjed spazju mnejn tghaddi vettura. Ighid ukoll li inti u toqrob ir-roundabout hemm sinjali tal-give way u slow u ghalhekk huwa kien miexi bil-mod hafna. In kontro-ezami jghid li fil-mument tad-daqqa il-vettura tieghu kienet gia angolata peress li kien gia beda jdur mar-roundabout.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula partikolarment dawk notati mix-xhieda tal-istess attur in kontro-ezami ghandu jirrizulta car minghajr ebda ombra ta' dubbju l-kawza prossima tal-incident ma kienx il-fatt jekk il-konvenut xeghelx l-indicator o meno izda pjuttost minhabba l-fatt li (1) l-attur naqas li jbaxxi l-ispeed tieghu huwa u javvicina r-roundabout (2) naqas li jobdi s-sinjali ta' give way u slow (3) naqas li jzomm proper look out ta' dak li qed jissuccedi quddiemu u (4) naqas li jzomm distanza adekwata bejnu u l-vettura ta' quddiemu.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-attur Sandro Pisani kien unikament responsabbli ghall-incident stradali meritu ta' dina l-kawza u kwindi ghalhekk filwaqt li qed jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------